

## Paġna ewlenija>Drittijietek>Il-Vittmi ta' delitti(għalkemm hawnhekk tista' tfisser ukoll tal-kriminalità)>Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

Estonja

Inti titqies **vittma ta' reat (parti li ġarrbet il-ħsara)** jekk iġġarrab xi dannu dirett fiżiku, materjali u morali b'riżultat ta' att illegali, pereżempju tkun korrejt jew il-proprijetà tiegħek tkun ikkawżata li ħsara jew g'iet misruqa, eċċ. bħala riżultat ta' inċident li jikkostitwixxi reat skont il-liġi nazzjonali. Bħala vittma ta' reat, il-liġi tagħtik ċerti drittijiet qabel, waqt u wara l-proċedimenti tal-qorti (proċess).

Il-**proċedimenti kriminali fl-Estonja** jibdedu bi proċedimenti ta' qabel il-proċess, li ġeneralment huma mwettqa mill-pulizija u l-prosekutur u matulhom tinġabar l-evidenza dwar ir-reat imwettaq u t-trasgressur allegat. Jekk ikun hemm biżżejjed evidenza, il-każ jgħaddi għal proċess. Il-proċess jispiċċa bil-qorti jew tikkundanna jew tillibera l-akkużat. Fil-każ ta' kundanna, il-qorti tirregola wkoll dwar l-azzjoni ċivili mressqa quddiem il-qorti, iżda f'każ ta' liberazzjoni l-azzjoni tkun imwarrba. F'dan il-każ huwa possibbli li jiġi mitlub kumpens fi proċedimenti ċivili. Il-qorti tista' tiddeċiedi li tissodisfa b'mod sħiħ jew parzjalment l-azzjoni ċivili, mhux tissodisfa l-azzjoni jew twarraba. Jekk ma taqbilx mas-sentenza, tista' tappella l-kawża lil qorti iktar għolja.

**Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib it-tagħrif li teħtieġ**

**1 - Drittijiet bħala vittma ta' reat**

**2 - Ir-rappurtar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess**

**3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess**

**4 - Kumpens**

**5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza**

L-aħħar aġġornament: 01/10/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi ftit mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirrifletti l-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.

### **1 - Drittijiet bħala vittma ta' reat**

**X'informazzjoni nirċievi mingħand l-awtorità wara li jkun seħħ ir-reat (eż. il-pulizija, il-prosekutur pubbliku) iżda qabel ma nirrapporta r-reat?**

Meta tikkuntattja lill-awtorità, int tirċievi informazzjoni dwar:

kif tirrapporta r-reat; u

kwalunkwe servizz ta' appoġġ għall-vittmi li hu disponibbli mingħajr ma jiġi rapportat ir-reat.

Hemm ukoll gwida disponibbli fuq is-sit web tal-[Bord tal-Pulizija u tal-Gwardja tal-Fruntiera](#).

**Jien ma ngħix fil-pajjiż fejn seħħ ir-reat (ċittadini tal-UE u daww li mhumiex). Kif inhuma protetti d-drittijiet tiegħi?**

Id-drittijiet tiegħek jiġu protetti indipendentement mill-pajjiż tal-UE fejn sfajt vittma tar-reat. Int tista' tirrapporta r-reat u, jekk ikun hemm bżonn, tirċievi servizzi ta' appoġġ għall-vittmi kemm fil-pajjiż fejn seħħ ir-reat kif ukoll fil-pajjiż fejn tgħix.

**Jekk nirrapporta reat, x'informazzjoni nirċievi?**

Meta tirrapporta reat, int tkun intitolat(a) li tirċievi l-informazzjoni li ġejja:

fuq talba tiegħek, konferma bil-miktub li int irrapportajt reat;

notifika, fi żmien għaxart ijiem, dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ jew ta' nuqqas ta' ftuħ ta' proċedimenti kriminali;

jekk jinfetħu proċedimenti kriminali, int tiġi interrogat(a) bħala vittma u tiġi mistoqsi(ja) jekk tixtieq tirċievi informazzjoni dwar l-arrest u l-ħelsien tal-persuna suspettata, u dwar il-ħin u l-post tal-proċess; minbarra dan,

meta titlesta l-investigazzjoni preliminari tal-każ, il-prosekutur pubbliku jinnotifikak li int intitolat(a) teżamina l-kontenut tal-fajl kriminali.

**Għandi dritt għal servizzi ta' interpretazzjoni jew ta' traduzzjoni mingħajr ħlas (meta nikkuntattja lill-pulizija jew lill-awtoritajiet oħra, jew matul l-investigazzjoni u l-proċess)?**

Kull min ma jifhimx jew ma jgħidhx bl-Estonjan hu intitolat għal interpretazzjoni matul il-proċedimenti. Int intitolat(a) biex, fuq talba, tirċievi traduzzjoni ta' kwalunkwe test li jkun essenzjali għall-fehim tad-deċiżjoni dwar it-terminazzjoni tal-proċedimenti kriminali jew tas-sentenza tal-qorti jew għall-iżgurar tal-ġustizzja tal-proċedimenti.

**Kif tista' l-awtorità tiżgura li jien nifhem u li qed ninfiehem (jekk jien minorenni; jekk għandi diżabilità)?**

L-awtoritajiet iridu jaraw li int tifhem dak li jiġi spjegat lilek u li int tiġi mifhum(a). Għal dan l-għan, ikun hemm skedi ta' informazzjoni f'lingwa li tinftiehem faċilment u speċjalisti mħarrġa disponibbli fl-għassa tal-pulizija jew fl-uffiċċju tal-prosekutur. Int dejjem tkun intitolat(a) għal interpretu tal-lingwa tas-sinjali.

**Servizzi ta' appoġġ għall-vittmi**

**Min jipprovi l-appoġġ għall-vittmi?**

Is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi huma pprovduti mill-[Bord Nazzjonali Estonjan tal-Assigurazzjoni Soċjali](#).

Jekk int vittma ta' vjolenza fuq in-nisa, int tista' tirrikorri wkoll għaċ-[ċentri ta' rifuġju għan-nisa](#) għall-għajnuna.

**Il-pulizija tirrefereni awtomatikament għall-appoġġ għall-vittmi?**

Il-pulizija tinformak dwar is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u tirreferik għal assistent tal-vittmi jekk ikun hemm bżonn. Ħafna għases tal-pulizija jkollhom assistent tal-vittmi preżenti f'kull ħin.

**Kif tiġi protetta l-privatezza tiegħi?**

L-informazzjoni kollha li tinġabar matul il-proċedimenti kriminali hi kunfidenzjali u ma tinqasamx mal-pubbliku qabel il-proċess pubbliku. Il-qorti tista' tiddikjara wkoll li l-proċess tiegħek isir *in camera*, f'liema każ lanqas l-informazzjoni diskussa matul il-proċess ma tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

**Għandi nirrapporta reat qabel inkun nista' nikseb aċċess għall-appoġġ għall-vittmi?**

Le, kulħadd għandu aċċess għall-appoġġ ġenerali għall-vittmi, kemm jekk jirrapportaw reat kif ukoll jekk le. Madankollu, hemm servizzi speċifiċi ta' appoġġ għall-vittmi, bħall-kumpens għall-vittmi ta' vjolenza jew benefiċċji għall-appoġġ psikoloġiku, li tkun tista' taċċessa biss wara li tirrapporta reat.

## Protezzjoni personali jekk inkun fil-periklu

### X'tipi ta' protezzjoni huma disponibbli?

Tista' titlob lill-prosekutur biex jitlob lill-qorti toħroġ ordni temporanja ta' restrizzjoni kontra l-persuna suspettata. Ordni temporanja ta' restrizzjoni tordna lill-persuna suspettata biex ma tersaqx lejn il-postijiet speċifikati mill-qorti u ma tawvicinax lill-persuni speċifikati mill-qorti u lanqas ma tikkomunika mat-tali persuni.

Int tista' tkun protett(a) b'miżuri ta' protezzjoni għax-xhieda applikati mill-pulizija fuq it-talba tal-uffiċju tal-prosekutur.

### Min jista' joffrili protezzjoni?

Jekk tinsab fil-periklu, ikkuntattja lill-pulizija u din tiżgura s-sikurezza tiegħek.

### Hemm xi ħadd li jivvaluta l-każ tiegħi biex jara jekk inieux f'riskju ta' aktar dannu mit-trasgressur?

Il-pulizija trid tivvaluta kull każ, filwaqt li tiżgura l-prevenzjoni ta' kwalunkwe dannu.

### Ikun hemm xi ħadd li jevalwa l-każ tiegħi biex jara jekk ninsabx f'riskju ta' aktar dannu mis-sistema tal-ġustizzja kriminali (matul l-investigazzjoni u l-proċess)?

L-awtoritajiet kollha li jmxexxu l-proċedimenti dejjem huma meħtieġa jikkunsidraw l-interessi tiegħek u ma jhalluxx iġġarrab vittimizazzjoni sekondarja matul il-proċedimenti kriminali.

### X'tip ta' protezzjoni hu disponibbli għall-vittmi vulnerabbli ħafna?

Jekk int vittma ta' reat serju, tista' tingħata l-permess li ma jsirulekx mistoqsijiet fil-qorti; inkella, jista' jkun awtorizzat telesmigħ jew tista' tintuża partition biex tibqa' moħbi(ja) mill-persuna akkużata matul l-interrogazzjoni tiegħek fil-qorti.

### Jien minorenni – għandi xi drittijiet speċjali?

L-awtorità li tmexxi l-proċedimenti tista' tinvolvi uffiċjal ta' protezzjoni tat-tfal, assistent soċjali jew psikologu fl-interrogazzjoni ta' vittma li tkun minorenni. Dan hu obligatorju f'każijiet serji jekk il-persuna li tmexxi l-proċedimenti ma tkunx irċeviet taħriġ xieraq.

Jekk int vittma minorenni u l-interessi tiegħek jinsabu f'kunflitt ma' dawk tar-rappreżentant legali tiegħek jew tal-ġenituri tiegħek, l-awtorità li tmexxi l-proċedimenti tista' taħtar avukat għalik mingħajr ħlas bħala għajuna legali.

Minorenni b'disturbi mentali u t-tfal kollha taħt l-10 snin, jew tfal taħt l-14-il sena f'każijiet ta' vjolenza domestika jew sesswali, ma jiġux interrogati fil-qorti.

Minflok, l-intervista tal-pulizija mal-minorenni tiġi rreġistrata fuq vidjo u tista' tintuża bħala evidenza fil-qorti.

### Il-membri tal-familja tiegħi miet kaġun tar-reat – x'inhuma drittijiet?

Jekk il-membri tal-familja tiegħek miet minħabba r-reat, int ikollok id-drittijiet kollha ta' vittma matul il-proċedimenti.

### Il-membri tal-familja tiegħi kien vittma ta' reat – x'inhuma drittijiet?

Jekk il-membri tal-familja tiegħek kien vittma ta' reat, int tkun intitolat(a) li tirċievi servizzi ta' appoġġ għall-vittma b'mod simili għall-vittma jekk ikun hemm bżonn.

### Nista' nikseb aċċess għas-servizzi ta' medjazzjoni? X'inhuma l-kundizzjonijiet? Ser inkun sikur(a) waqt il-medjazzjoni?

Bil-kunsens tiegħek u dak tal-persuna suspettata, l-uffiċju tal-prosekutur jista' jiddeċiedi li jtemm il-proċedimenti kriminali b'konċiljazzjoni (medjazzjoni). Is-servizz ta' konċiljazzjoni jiġi pprovdut minn assistent ta' appoġġ għall-vittmi.

Int ikollok id-dritt li fi kwalunkwe ħin ma tibqax parteċipi fil-proċedura ta' konċiljazzjoni.

### Fejn nista' nsib il-liġi li tgħid x'inhuma drittijiet?

[Il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali](#)

[L-Att dwar l-Appoġġ għall-Vittmi](#)

L-aħħar aġġornament: 01/10/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi ftit mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [et](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## 2 - Ir-rappurtar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess

### Kif nirrapporta reat?

Tista' tirrapporta reat billi ċċempel fuq in-numru ta' emerġenza tal-pulizija 112 (jekk ikollok bżonn ukoll l-assistenza tal-pulizija b'urġenza), filwaqt li tissottometti rapport bil-miktub fl-eqreb għassa tal-pulizija jew billi tibgħat ittra elettronika b'rapport lill-prefettura xierqa tal-pulizija. Aktar informazzjoni dwar kif tirrapporta reat hi disponibbli [hawn](#).

### Kif nista' nsir naf x'inhu jiġri bil-kawża?

Wara li tirrapporta reat, int tiġi kkuntattjat(a) u informat(a) dwar kwalunkwe proċedura ulterjuri (eż. tintalab tixhed, tipprovdni informazzjoni dwar xhieda possibbli, tgħin fil-kompilazzjoni, eċċ.). Jekk ikun hemm bżonn, int tirċievi wkoll informazzjoni dwar appoġġ possibbli għall-vittmi u dwar miżuri oħra ta' protezzjoni.

Wara l-interrogazzjoni tiegħek, niżżel in-numru tal-kwistjoni kriminali u tal-investigatur responsabbli għall-kawża. Dan jagħmilhielek eħfef biex titlob informazzjoni mingħand il-pulizija aktar tard.

### Jien intitolat(a) għal għajuna legali (matul l-investigazzjoni jew il-proċess kriminali)? Taħt liema kundizzjonijiet?

Int għandek id-dritt għal avukat preżenti matul il-proċedimenti. Jekk ma għandekx il-mezzi biex tqabbaq wieħed, int tista' titlob lill-qorti għal għajuna legali mill-istat.

Il-vittmi kollha li jkunu minorenni b'interessi li jkunu f'kunflitt ma' dawk tar-rappreżentanti legali tagħhom ikunu intitolati għal għajuna legali mill-istat mingħajr ħlas.

### Nista' nitlob lura l-ispejjeż (għall-parteċipazzjoni fl-investigazzjoni jew fil-proċess)? Taħt liema kundizzjonijiet?

Il-vittmi u x-xhieda jkunu intitolati għal kumpens għal spejjeż imġarrba jew għal introjtu mhux riċevut minħabba l-proċedimenti kriminali. Pereżempju, tista' titlob lura l-ispejjeż tal-ivvjaġġar jew it-telf tal-qligħ imġarrbin biex tmur tixhed. Biex titlob l-ispejjeż, innotifika lill-awtorità li ħarrkitek u tirċievi struzzjonijiet dwar kif tippreżenta t-talba.

### Nista' nappella jekk il-kawża tiegħi tingħalaq qabel nitla' l-qorti?

Meta jiġu mitmuma l-proċedimenti kriminali, minnufih tintbagħat lilek jew lir-rappreżentant tiegħek kopja tas-sentenza rilevanti. Bħala vittma, int tista' titlob aċċess għall-fajl kriminali fi żmien 10 ijiem minn meta tirċievi s-sentenza li ttejjm il-proċedimenti kriminali. Fi żmien dawk l-10 ijiem, int intitolat(a) ukoll titlob li l-uffiċċju tal-prosekutur jirrieżamina s-sentenza.

#### **Kif nista' nkun involut(a) fil-proċess?**

Bħala vittma, int parti għall-proċess b'termini ugwali għall-partijiet l-oħra u int intitolat(a) li tkun involut(a) fil-proċess.

#### **X'inhu r-rwol uffiiċjali tiegħi fis-sistema ġudizzjarja? Pereżempju, jien nitqies jew jien nista' nagħżel li nitqies bħala: vittma, xhud, parti ċivili jew prosekutur privat?**

Jekk twettaq reat kontrik, int nitqies bħala vittma fil-proċedimenti kriminali. Madankollu, int intitolat(a) ukoll tippreżenta kawża ċivili bħala parti mill-istess proċedimenti.

#### **X'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tiegħi f'dan ir-rwol?**

Taħt il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, vittma hi intitolata li:

tikkontesta rifjut għat-tnedija jew terminazzjoni tal-proċedimenti kriminali;

tippreżenta kawża ċivili permezz ta' korp investigattiv jew tal-uffiċċju tal-prosekutur;

tixhed jew tirrifjuta milli tixhed kontra persuni li tgħożż;

tixhed;

tippreżenta talbiet u kwerele;

teżamina l-minuti tal-proċedimenti u tagħmel dikjarazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet, il-perkors, ir-riżultati u l-minuti tal-proċedimenti (id-dikjarazzjonijiet tiegħek jiġu reġistrati bil-miktub);

teżamina l-kontenuti tal-fajl kriminali wara li titlesta l-investigazzjoni preliminari tal-kawża;

tieħu sehem fis-seduta l-qorti;

tagħti kunsens jew tirrifjuta milli tagħti kunsens għall-applikazzjoni ta' proċedura ta' soluzzjoni u tagħti opinjoni dwar l-akkużi u l-piena, l-ammont tad-danni speċifikati fl-atti tal-akkuża u fil-kawża ċivili;

tagħti kunsens għall-applikazzjoni ta' ordni temporanja ta' restrizzjoni u titlob l-applikazzjoni ta' ordni ta' restrizzjoni;

titlob li tiġi interrogata minn persuna tal-istess sess fil-każ ta' vjolenza sesswali, ta' vjolenza sessista jew ta' reat imwettaq f'relazżjoni mill-qrib, ħliet meta l-interrogazzjoni ssir minn prosekutur jew minn imħallef jew jekk tkun ta' xkiel għall-perkors tal-proċedimenti.

Vittma hi meħtieġa:

tidher meta tiġi mħarrka minn korp investigattiv, minn uffiiċċju tal-prosekutur jew minn qorti;

tieħu sehem fil-proċedimenti u ssegwi l-ordnijiet tal-korp investigattiv, tal-uffiċċju tal-prosekutur u tal-qorti.

#### **Nista' nagħmel stqarrija matul il-proċess jew nagħti x-xhieda tiegħi? Taħt lema kundizzjonijiet?**

Int intitolat(a) tagħmel dikjarazzjonijiet u tesprimi l-opinjoni tiegħek matul il-proċess. Int għandek id-dritt li tixhed fil-qorti jekk il-prosekuzzjoni titlob biex int tiġi interrogat(a).

#### **X'informazzjoni nirċievi matul il-proċess?**

Il-qorti tinformati dwar il-ħin u l-post tas-sessjonijiet tal-qorti u int tiġi informat(a) ukoll dwar is-sentenza tal-qorti, li tintbagħatle bil-posta sakemm ma tkunx preżenti fiżikament fil-qorti meta tinqata' s-sentenza.

#### **Inkun nista' nikseb aċċess għall-fajls tal-qorti?**

Int intitolat(a) teżamina l-fajls tal-qorti fl-uffiċċju tal-prosekutur wara li titlesta l-investigazzjoni preliminari jew meta jiġu mitmuma l-proċedimenti kriminali. L-uffiċċju tal-prosekutur jinformati dwar dan id-dritt u jipprovdi struzzjonijiet dwar kif int tista' teżamina l-fajls.

L-aħħar aġġornament: 01/10/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi fitt mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.

### **3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess**

#### **Nista' nappella kontra d-deċiżjoni?**

Bħala parti għall-proċess, int għandek id-dritt li tressaq appell kontra d-deċiżjoni quddiem qorti distrettwali fi żmien 30 jum minn meta tinqata' s-sentenza.

#### **X'inhuma d-drittijiet tiegħi wara li tinqata' s-sentenza?**

Int għandek id-dritt li tiġi notifikat(a) f'każ tar-rilaxx bikri tat-trasgressur kundannat mill-ħabs jekk int titlob li jsir hekk matul il-proċedimenti.

#### **Jien intitolat(a) għal appoġġ jew għal protezzjoni wara l-proċess? Għal kemm żmien?**

Il-proċess tal-proċedimenti kriminali ma jaffettwax kemm int iddum tirċievi servizzi ta' appoġġ għall-vittma. Int tista' tkompli tirċievi servizzi ta' appoġġ għall-vittma wara l-konklużjoni tal-proċedimenti kriminali mingħajr ebda terminu perentorju speċifiku.

#### **X'informazzjoni ningħata jekk it-trasgressur jiġi sentenzjat?**

Int tiġi informat(a) dwar is-sentenza tal-qorti, li tiddikjara t-tul tas-sentenza mogħtija lill-persuna suspettata. Int tiġi notifikat(a) ukoll f'każ tar-rilaxx bikri tat-trasgressur kundannat mill-ħabs jekk int titlob li jsir hekk.

#### **Se niġi informat(a) jekk it-trasgressur jinħeles (inkluż rilaxx kmieni jew kundizzjonali) jew jaħrab mill-ħabs?**

Jekk int titlob hekk matul l-interrogazzjoni tiegħek, tiġi notifikat(a) jekk it-trasgressur kundannat jinħeles jew jaħrab mill-ħabs.

#### **Inkun involut(a) f'deċiżjonijiet dwar rilaxx jew parole? Pereżempju, nista' nagħmel stqarrija jew inressaq appell?**

Int tista' tintalab tagħti opinjoni matul il-proċedimenti ta' rilaxx bikri, iżda ma tistax tappella kontra t-tali deċiżjonijiet.

L-aħħar aġġornament: 01/10/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi fitt mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.

### **4 - Kumpens**

#### **X'inhu l-proċedura biex nitlob kumpens mingħand it-trasgressur? (eż. kawża l-qorti, kawża ċivili, proċedura ta' adeżjoni)**

Int intitolat(a) tippreżenta kawża ċivili kontra l-persuna akkużata biex titlob id-danni bħala parti mill-proċedimenti kriminali. Int tista' tippreżenta kawża ċivili fi żmien 10 ijiem wara li teżamina l-fajl kriminali. Tista' titlob ukoll li l-uffiċċju tal-prosekutur jestendi din l-iskadenza.

### **Il-qorti ordnat lit-trasgressur biex iħallasni danni/kumpens. Kif nista' niżgura li t-trasgressur iħallas?**

Jekk it-trasgressur kundannat ma jħallasx l-ammont impost fuqu mis-sentenza tal-qorti, int intitolat(a) tikkuntattja uffiċjal ġudizzjarju, li jorganizza l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni.

### **Jekk it-trasgressur ma jħallasx, jista' l-istat iħallasni bil-quddiem? Taht liema kundizzjonijiet?**

Le, l-istat ma jħallasx għad-danni dovuti minn trasgressur kundannat.

### **Jien intitolat(a) għal kumpens mill-istat?**

Int tista' tapplika għal kumpens mill-istat għat-tipi li ġejjin ta' danni jekk int persuna li tiġi mill-viċin mill-persuna li mietet minħabba reat, jew jekk int vittma ta' reat ta' vjolenza, u għarrabt disturb tas-saħħa li jdum tal-anqas erba' xhur minħabba r-reat:

ħsara li tirriżulta minħabba l-inkapaċità għax-xogħol jew kapaċità mnaqqsa għax-xogħol;

spejjeż imġarrba minħabba l-ħsara kkawżata lis-saħħa tal-vittma;

ħsara li tirriżulta mill-mewt tal-vittma;

ħsara kkawżata f'nuċċalijiet, f'dentaturi, f'lenti ta' kuntatt jew f'apparati oħra li jissostitwixxu funzjonijiet tal-ġisem jew fl-ilbies;

l-ispejjeż tal-funeral tal-vittma.

Biex tkun eliġibbli għal kumpens, int trid tirrapporta r-reat lill-pulizija fi żmien 15-il jum minn meta jseħħ jew wara li jkollok l-oportunità li tirrapportah.

Ir-rikors għal kumpens irid jiġi ppreżentat lill-Bord Nazzjonali Estonjan tal-Assigurazzjoni Soċjali fi żmien tliet snin mit-twertqij tar-reat jew mid-data tal-mewt tal-vittma, sakemm:

il-persuna dipendenti ma ssirx taf bil-mewt tal-vittma aktar minn sena wara l-mewt u r-rikors jiġi ppreżentat fi żmien tliet snin mid-data li fiha ssir taf bil-mewt tal-vittma;

ir-rikorrent li jitlob kumpens ma jkunx għarrabt disturb tas-saħħa li jdum aktar minn sena u l-preżentazzjoni f'waqtha tar-rikors kienet impossibbli minħabba l-istat ta' saħħtu, u r-rikors jiġi ppreżentat fi żmien tliet snin minn meta jitjeb l-istat tas-saħħa tiegħu;

il-bażi għall-applikazzjoni għal kumpens hi reat sesswali kontra minorenni u r-rikors jiġi ppreżentat fi żmien tliet snin wara li l-vittma tkun saret adulta sakemm ir-raġuni għall-proċedimenti kriminali ma tkunx saret evidenti qabel ma saret adulta.

### **Jien inkun intitolat(a) għal kumpens jekk it-trasgressur ma jiġix ikkundannat?**

Int tista' tapplika għal kumpens mill-istat għal vittmi ta' reat jekk il-proċedimenti kriminali jonqsu milli jidentifikaw lill-persuna li wettqet ir-reat kontrik.

Jekk il-persuna akkużata bir-reat tinħeles mill-qorti iżda int temmen li l-persuna kkawżatlek il-ħsara, int tista' tippreżenta kawża ċivili.

### **Jien intitolat(a) għal ħlas ta' emerġenza waqt li nkun qed nistenna d-deċiżjoni dwar it-talba tiegħi għall-kumpens?**

Id-deċiżjoni dwar l-għoti ta' kumpens lil vittma ta' vjolenza tista' tiġi posposta sakemm tinqata' sentenza tal-qorti tal-kontea jekk:

id-dritt tar-rikorrent li jirċievi kumpens mingħand il-persuna responsabbli għall-ħsara kkawżata mir-reat kriminali jkun inċert, jew

ikun ovvju li l-persuna responsabbli għall-ħsara kkawżata mir-reat kriminali taqbel u tkun tista' tikkumpensa għall-ħsara.

Jekk l-għoti tal-kumpens jiġi pospost, il-Bord Nazzjonali Estonjan tal-Assigurazzjoni Soċjali jista' jagħmel ħlas bil-quddiem fuq il-bażi ta' talba mingħand ir-rikorrent għal kumpens jekk ikun jidher ċar li r-rikorrent ikun eliġibbli għal kumpens u jkun f'sitwazzjoni ekonomika diffiċli.

L-aħħar aġġornament: 01/10/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fi-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi fitt mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.

## **5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza**

### **Jien vittma ta' reat, lil min għandi nikkuntattja għall-appoġġ u għall-assistenza?**

[📄 Id-Dipartiment ta' Appoġġ għall-Vittmi tal-Bord Nazzjonali Estonjan tal-Assigurazzjoni Soċjali](#)

[📄 Iċ-ċentri ta' appoġġ għan-nisa](#)

[📄 Il-Bord tal-Pulizija u l-Għassa tal-Fruntiera](#)

### **Hotline ta' appoġġ għall-vittmi**

Hotline ta' appoġġ għall-vittmi: 6121360 jew 16106 (it-telefonati jittwieġbu Tne-Ġim 9.00-17.00).

Hotline ta' appoġġ għat-tfal: 16111 (għar-rapportar ta' tfal li għandhom bżonn l-għajnuna; it-telefonati jittieħdu 24 siegħa kuljum).

### **L-appoġġ għall-vittmi hu mingħajr ħlas?**

Iva, is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi huma mingħajr ħlas.

### **X'tipi ta' appoġġ nista' nirċievi mingħand is-servizzi jew l-awtoritajiet tal-istat?**

Is-servizzi tal-istat ta' appoġġ għall-vittmi jkopru dawn li ġejjin:

konsulenza għall-vittmi;

l-għoti ta' assistenza lill-vittmi fil-komunikazzjoni mal-awtoritajiet tal-istat u tal-gvern lokali u mal-persuni ġuridiċi;

l-iżgurar ta' akkomodazzjoni sikura;

l-iżgurar ta' forniment tal-ikel;

l-iżgurar ta' aċċess għas-servizzi tas-saħħa neċessarji;

l-għoti tal-assistenza materjali neċessarja;

l-għoti tal-assistenza psikoloġika neċessarja;

l-organizzazzjoni tas-servizzi ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni neċessarji biex jingħataw servizzi ta' appoġġ għall-vittmi;

il-forniment ta' servizzi oħra neċessarji għar-riabilitazzjoni fiżika u psikosoċjali tal-vittmi.

### **X'tipi ta' appoġġ nista' nirċievi mingħand organizzazzjonijiet nongovernattivi?**

Il-fornituri statali ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi jistgħu jidderiġuk lejn organizzazzjonijiet nongovernattivi xierqa.

[📄 Iċ-ċentri ta' rifuġju għan-nisa](#)

L-aħħar aġġornament: 01/10/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fi-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi ftit mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-  
ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.